**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Audrey Micallef)**

**v.**

**David De Cesare**

**Kumpilazzjoni Nru. 812/2024 AC**

**Illum, id-29 ta' Jannar 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **David De Cesare** ta' 42 sena iben George De Cesare u Rita xebba Agius, imwieled nhar it-02 ta' Settembru 1982 ġewwa l-Pieta', residenti fil-fond 86, Ħaġra, Triq il-Mensija, San Ġwann, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 0474882M, li kien akkużat talli nhar it-23 ta' Awwissu 2024 u fil-ġranet, fil-ġimgħat u fix-xhur u fis-snin ta' qabel f'diversi ħinijiet ġewwa San Ġwann, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Użа vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u/jew sfurzar, sabiex iġiegħel tagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abbiltajiet jew iżola jew illimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg għad-

detriment tal-ġenituri tiegħu u ċioe’ **George De Cesare** li huwa persuna vulnerabbli u li jsofri minn mard fiżiku u **Rita De Cesare**;

2. Ikkaġuna lill-ġenituri tiegħu u ċioe’ **George De Cesare** li huwa persuna vulnerabbli u li jsofri minn mard fiżiku u **Rita De Cesare**, fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruħu b’mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ Ordni ta’ Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **David De Cesare** a benefiċju ta’ **George De Cesare** u **Rita De Cesare** u l-familjari tagħhom u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f’każ ta’ ħtija, tipprovdi għall-persuni ta’ **George De Cesare** u **Rita De Cesare** u l-familjari tagħhom jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **David De Cesare** b’obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta’ somma ta’ flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, għal żmien li tħoss xieraq;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f’każ ta’ ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbiliti mil-Liġi, tordna lill-imsemmi **David De Cesare** sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat li l-imputat tressaq b’ċitazzjoni quddiem din il-Qorti nhar it-30 ta’ Ottubru 2024, fejn l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Audrey Micallef qrat u kkonfermat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat bil-ġurament;

Rat li wara li fl-istess seduta sar l-eżami mingħajr ġurament tal-istess imputat[1], wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta’ dawn il-proċeduri, senjatament is-segwenti:

[1] Ara a fol 22 tal-proċess

1. Il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta datat l-24 ta' Settembru 2024 sabiex dawn il-proċeduri jkunu trattati b'mod sommarju[2];

2. Estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat[3];

3. Il-Fedina Penali tal-imputat[4];

4. Nota datata s-16 ta' Settembru 2024 li tispjega t-twaqqif tal-Istqarrija tal-imputat fl-istess ġurnata, b'appuntament ġdid għat-18 ta' Settembru 2024[5];

5. Stqarrija tal-imputat datata s-16 ta' Settembru 2024[6];

6. Dikjarazzjoni ta' Rifjut għall-Assistenza Legali ffirmata mill-imputat datata s-16 ta' Settembru 2024[7];

7. *Letter to Call* lill-imputat datata l-10 ta' Settembru 2024[8];

8. Digriet tal-Maġistrat tal-Għassa Dr. Elaine Rizzo rigward Rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija għall-ħruġ ta' Mandat t'Arrest fil-konfront tal-imputat datat it-28 ta' Awwissu 2024[9];

9. Rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija lill-Maġistrat tal-Għassa Dr. Elaine Rizzo sabiex jinħareġ Mandat t'Arrest fil-konfront tal-imputat datat is-27 ta' Awwissu 2024[10];

---

[2] Ara a fol 3 tal-proċess
[3] Ara a fol 6 tal-proċess
[4] Ara a fol 7 *et seq* tal-proċess
[5] Ara a fol 15 tal-proċess
[6] Ara a fol 16 *et seq* tal-proċess
[7] Ara a fol 18 tal-proċess
[8] Ara a fol 19 tal-proċess
[9] Ara a fol 25 *et seq* tal-proċess
[10] Ara a fol 28 *et seq* tal-proċess

10. Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/2147/2024[11];

11. Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/2328/2024[12].

Rat li l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2025[13];

Rat li din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk trid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li din il-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien biss f'dan l-istadju li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu;

Għalhekk, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li ma hemmx raġuni tajba sabiex tiddubita li l-imputat huwa ħati minkejja li ddikjara l-ammissjoni tiegħu, u tqis li l-imputazzjonijiet sopraċitati kienu sodisfaċentement ipprovati;

Semgħet ix-xhieda ta' **l-Ispettur Audrey Micallef u l-*Parte Civile* George De Cesare**;

Rat l-atti kollha tal-każ;

Rat li din il-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

---

[11] Ara a fol 31 *et seq* tal-proċess
[12] Ara a fol 34 *et seq* tal-proċess
[13] Ara a fol 39 *et seq* tal-proċess

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi l-imputat li kien akkużat talli nhar it-23 ta' Awwissu 2024 u fil-ġranet, fil-ġimgħat u fix-xhur u fis-snin ta' qabel f'diversi ħinijiet ġewwa San Ġwann, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Uża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u/jew sfurzar, sabiex iġiegħel tagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abbiltajiet jew iżola jew illimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg għad-detriment tal-ġenituri tiegħu u ċioe' **George De Cesare** li huwa persuna vulnerabbli u li jsofri minn mard fiżiku u **Rita De Cesare**;

2. Ikkaġuna lill-ġenituri tiegħu u ċioe' **George De Cesare** li huwa persuna vulnerabbli u li jsofri minn mard fiżiku u **Rita De Cesare**, fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali.

Minn kif intqal aktar 'il fuq, meta tressaq b'ċitazzjoni quddiem din il-Qorti nhar it-30 ta' Ottubru 2024, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, iżda rreġistra ammissjoni għall-istess fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2025, fejn wara li din il-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' din id-dikjarazzjoni u wara li tagħtu ċ-ċans sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minnha, l-imputat għal darb' oħra tenna din id-dikjarazzjoni ta' ħtija;

*In oltre*, kif sostnut aktar 'il fuq, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ma kellha l-ebda raġuni għalxiex tiddubita d-dikjarazzjoni magħmula mill-imputat, u għalhekk, in vista tal-istess, din il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu kienu sodisfaċentement ipprovati;

A rigward il-kalibrar tal-piena li għandha tkun inflitta, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi:

1. Li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu fi stadju relattivament bikri ta' dawn il-proċeduri, li għalhekk jirrinkwadra ruħu f'dak argumentat mill-Qrati tagħna u dawk internazzjonali dwar tnaqqis fil-piena għal ammissjonijiet li jsiru fi stadju bikri tal-proċeduri[14], u fisser ukoll li din il-Qorti frankat il-ħin, ir-riżorsi u l-ispejjeż neċessarji sabiex tindaga dwar il-mertu tal-imputazzjonijiet odjerni, u l-amministazzjoni tal-ġustizzja. Għaldaqstant, id-dikjarazzjoni ta' ħtija tal-imputat trid titqies f'dan il-kuntest;

2. In-natura serja tal-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat u l-aggravji assoċjati magħhom, li minbarra li jirrinkwadraw ruħhom fid-definizzjoni ta' "vjolenza domestika"[15] u "familja jew unita' domestika"[16] *ai termini* tal-Artikolu 2 tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta, jaqgħu ukoll taħt il-kappa tar-reat kontinwat a tenur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan jingħad speċjalment tenut kont il-fatt li r-reati in deżamina saru fuq il-ġenituri tiegħu, partikolarment fil-konfront ta' missieru **George De Cesare**, li minbarra li huwa persuna ta' 70 sena, huwa wkoll persuna vulnerabbli kif spjegat fl-Artikolu 208AĊ(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[17], u saru wkoll fuq medda sinifikanti ta' żmien;

3. Id-dipendenza akuta tal-imputat fuq id-droga, li jirriżulta li hija waħda miċ-ċirkustanzi primarji li wasslu għaż-żewġ rapporti fil-konfront tiegħu mertu ta' dawn il-proċeduri. Din id-dipendenza hija riflessa fil-Fedina Penali tiegħu, speċjalment fin-numru ta'

[14] Ara f'dan is-sens **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997; **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002, kif ukoll Appell Nru. 414/2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-13 ta' Settembru 2024; Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024

[15] "...l-atti jew l-ommissjonijiet kollha, inkluż il-vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ta' natura ekonomika li jikkawżaw ħsara u, jew tbatija fiżika jew morali, inkluż it-theddid ta' tali atti jew ommissjonijiet, l-isfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja u, jew f'relazzjoni intima, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhieda ta' vjolenza fi ħdan il-familja u, jew relazzjoni intima";

[16] B'referenza partikolari ssir għall-Artikolu 2(ċ) tal-istess Kapitolu, u ċioe' "persuni li huma relatati ma' xulxin jew minħabba l-qrubija mid-demm jew bi żwieġ, unjoni ċivili u, jew koabitazzjoni, sat-tielet grad inklussivament";

[17] "(b) kull persuna li ssofri minn mard fiżiku jew mentali"

istanzi li nstab ħati fuq reati assoċjati mad-droga, li juri l-bżonn li l-imputat jindirizza din il-problema b'mod konkret, kemm għall-ġid tiegħu innifsu, kif ukoll tal-ġenituri tiegħu bħala l-partijiet leżi f'dawn il-proċeduri.

Tenut kont dawn il-fatturi kollha għalhekk, din il-Qorti tqis li ma tistax tinjora l-portata ta' dawn l-imputazzjonijiet speċjalment meta jittieħdu fil-kuntest tas-sitwazzjoni domestika li jinsabu fiha l-partijiet, speċjalment il-ġenituri tal-imputat. Għaldaqstant, filwaqt li huwa minnu li hemm bżonn li jkun indirizzat il-kaġun primarju tal-akkadut, u ċioe' l-problema tal-imputat bid-droga bħalma ntqal aktar 'il fuq, din il-Qorti tqis li hemm ukoll il-bżonn li l-imputat jirrikonoxxi li dan l-aġir fil-konfront tal-ġenituri tiegħu għandu r-riperkussjonijiet tiegħu, u għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tħoss li apparti li għandha tagħti l-opportunita' sabiex l-imputat jaqbad it-triq it-tajba, għandha wkoll id-dover li tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tassigura s-sigurta' u l-benesseri tal-ġenituri tiegħu u hu f'dan il-kuntest kollu li l-Qorti tara li l-unika piena idoneja fiċ-ċirkustanzi hija dik ta' priġunerija effettiva u dan anke sabiex l-istess imputat ikollu l-opportunita' li jekk irid u jekk jagħraf jaħtaf l-opportunita', jieħu l-għajnuna neċessarja pero' f'post sikur kemm għalih innifsu u kemm għall-ġenituri tiegħu.

**Decide:**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 17(b), l-Artikolu 18, l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 202(h)(iii), l-Artikolu 202(h)(v), l-Artikolu 202(k), l-Artikolu 208AĊ(2)(b), l-Artikolu 222(1)(a), l-Artikolu 250(1), l-Artikolu 251(1), l-Artikolu 251A(1)(a), l-Artikolu 251A(1)(b), l-Artikolu 251A(4), l-Artikolu 251H(a), l-Artikolu 251H(b), l-Artikolu 251H(ċ), l-Artikolu 251HA tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda, fuq ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu stess, **issib lill-imputat David De Cesare ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għall-piena ta' sentejn priġunerija effettivi mid-data ta' din is-sentenza**;

*In oltre*, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 412D(1), l-Artikolu 412D(3) u l-Artikolu 412Ċ(9) qiegħda tpoġġi lill-imputat, issa l-ħati, **David De Cesare** taħt Ordni ta' Trattament **għal perjodu ta' tliet snin mid-data ta' din is-sentenza**, u dan bl-iskop li jindirizza l-vizzju

tiegħu tad-droga u jirċievi kwalunkwe trattament psikoloġiku neċessarju minn dak li jista' jkun konstatat mill-professjonisti inkarigati f'dan ir-rigward, liema Ordni għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza;

A tenur tal-Artikolu 412D(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti spjegat b'mod ċar il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat, issa l-ħati.

Il-Qorti tordna li kopja ta' dan id-digriet flimkien ma' din is-sentenza tkun ikkomunikata wkoll lid-Dipartiment tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole* sabiex jassenja *Probation Officer* li għandu jkun responsabbli mis-sorveljanza tal-ħati **David De Cesare**, li għandu jaġġorna lil din il-Qorti bl-andament tal-istess ħati **David De Cesare** kull tliet (3) xhur;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta' tal-partijiet leżi u ċioe' **George De Cesare u Rita De Cesare u l-familjari tagħhom**, jew jinżamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena imsemmija aktar 'il fuq, torbot lill-imputat, issa l-ħati **David De Cesare**, b'obbligazzjoni tiegħu innifsu *ai termini* tal-Artikolu 383 *et seq* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* li fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2025, il-partijiet leżi talbu lil din il-Qorti sabiex f'każ ta' sentenza karċerarja, ma timponix Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati **David De Cesare**, u dan sabiex ikunu jistgħu iżuruh ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u jagħtuh is-sapport neċessarju, qiegħda tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni f'dan ir-rigward;

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li m'hijiex f'pożizzjoni li tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat, issa l-ħati **David De Cesare** ikun ordnat iħallas l-ispejjeż relatati mal-ħatra ta' esperti, u dan *stante* li ma kienu nominati ebda esperti f'dawn il-proċeduri;

Din il-Qorti qiegħda tagħmel ir-rakkomandazzjoni tagħha sabiex id-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin jagħmel l-arranġamenti neċessarji sabiex il-ħati **David De Cesare** jirċievi kwalunkwe għajnuna li hemm bżonn sabiex jegħleb il-vizzju tiegħu tad-droga, inkluż id-dħul tiegħu fi programm rijabilitattiv f'każ li l-istess ħati juri r-rieda sabiex jagħmel dan;

Finalment, din il-Qorti tordna li ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, tordna kopja skenjata tal-atti, inkluż din is-sentenza flimkien mad-digrieti relattivi, jkunu komunikati lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien stipulat mil-Liġi;

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**